MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 625/2006

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-societa'**
**PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**Vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u PL Liliana Buhagiar nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil Eureka Industries, b'digriet tal-24 ta' Lulju 2006.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent nomine issottometta :

Illi s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka 'PUMA' registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka 'Cat' registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta' oggett li huwa identiku ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta' attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita' ta '*soccer balls*' bil-marki ta' '*Puma*'' u ghalhekk b'vjolazzjoni tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprieta' tas-socjeta' attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta' L-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* propjeta' tas-socjeta' attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

4. tordna l-qerda tal-oggetti (*soccer balls accessories*) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-container SUDU 5452300 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta mahlufa ta' l-intimati noe** a fol. 24 tal-process fejn eccepew:

Illi qabel xejn jidher mill-atti li d-destinatarju – u prezumibilment sid – tal- blalen *de quo* huwa *GRUSOIMEX S.A*. tal-Messiku u mhux *Eureka Industries,* kif jidher mir-rikors promotur; ghalhekk jehtieg li ssir tiswija fl-atti tal-hatra ta' l-esponenti u tar-rikors promotur;

Illi ghal kull bwon fini l-esponenti qed jaghtu ruhhom b'notifikati minn issa bl-atti kollha kif korretti u jirrinunzjaw ghal kull terminu izda jihtiegu ftit taz-zmien sabiex jippruvaw jaqbdu mas-socjeta' Messikana fuq imsemmija biex ikunu jistghu jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrent noe.

Ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegibiet ohra aktar 'l quddiem.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill attur bil-gurament;

Rat in-nota tal-konvenuti tal- 1 ta' Frar 2007;

Semghet lill Avukati difensuri;

**Tikkunsidra**

Rigward ir-risposta tal-kuraturi ghall-korrezzjoni tar-rikors, il-Qorti tirrileva li l-kawza saret sew kontra Eureka Industries billi dawn huma s-*shippers* tal-merkanzija in kwistjoni minn fejn jorigina l-ksur tal-marka.

Dwar danni mitluba l-Qorti tosserva li dwar dawna ma ngabu ebda provi.

Mill-qbija jidher li t-talbiet l-ohra huma gustifikati u mhux kontestati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara li l-konvenuti kkontravenew it-*trademark* propjeta’ tas-societa’ attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;
tichad it-tieni u tielet talba billi ma gewx pruvati;
tordna l-oggetti (*soccer balls accessories*) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-container SUDU 5452300 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-societa’ attrici jigu distrutti skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------